MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 500/2009/1

**Rita Nicolosi u Vita Projects (Malta) Limited (C-28535)**

**v.**

**L.E.P.T Enterprises Limited (C-2476)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fil-25 ta' Mejju 2009 u li jaqra hekk:

"Illi permezz tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet: **L.E.P.T Enterprises Limited (C-2476) vs Rita Nicolosi u Vita**

**Projects (Malta) Limited**, l-esponenti gew ikkundannati li jhallsu s-somma ta' Lm27,055.60 (ossia €63,022.59) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti lis-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited kif ukoll ammont iehor ta' Lm2,028.60 (ossia €4,725.36) ukoll rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta lill-istess socjeta` fuq il-fond numru 16 Triq Marina u numru 15, Triq Sant'Anna Marsascala, liema fond, l-esponenti ghan-nom ta' Vita Projects (Malta) Limited kienet kriet sabiex jinfetah restaurant wara illi jsiru fl-istess fond, dawk l-ameljoramenti necessarji sabiex il-post ikun attrezzat tassew ghal ghan ta' restaurant.

"Illi fl-istess sentenza kien gie wkoll provdut illi s-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited kellha s-setgha li zzom il-hwejjeg mobbli li jinsabu fil-fond li fuqu kienet dovuta l-kera sakemm jithallsu l-arretrati kollha tal-kera **b'dan izda illi l-hwejjeg ma jitqisux proprjeta` tas-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited.**

"Illi permezz tal-procedura tas-subbasta hekk kif ordnata minn dina l-Onorabbli Qorti b'digriet moghti fit-28 ta' Awwissu 2006 fuq rikors ta' L.E.P.T Enterprises Limited, sar il-bejgh bl-irkant tal-fond numru 61, maghruf bl-isem "Casa David", Triq ic-Cervjola, Marsascala, fejn l-imsemmi fond gie definittivament illiberat wara li s-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited offriet is-somma ta' Lm37,000 (ossia €86,186.69) 'animo compensandi'. Ghal dan il-ghan issir referenza ghal Dok RN2.

"Illi ghaldaqstant, l-ammont dovut mill-esponenti lill-istess L.E.P.T Enterprises Limited skont is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru 2006 gie kompletament imhallas b'konsegwenza illi l-hwejjeg mobli li kienu jinsabu fuq il-fond li dwaru kien hemm il-kera mhux imhallsa kellhom jinghataw lill-esponenti u cioe` lil Rita Nicolosi u lis-socjeta` Vita Projects (Malta) Limited.

"Illi tali ameljoramenti u spejjez f'makkinarju u mobbli ohra jammontaw ghas-somma komplessiva 'at cost' ta' Lm38,424.12 (ossia €89,503.99) hekk kif jirrizulta mill-'breakdown of costs' ippreparat mill-accountants tas-

socjeta` esponenti liema dokument qieghed jigi anness ma' dan ir-rikors bhala Dok. RN1.

"Illi pero`, dawn il-mobbli baqghu fil-pussess tas-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited minkejja illi l-istess socjeta` konvenuta thallset l-arretrati tal-kera dovuti lilha u minkejja illi l-fond inkwistjoni, li fih hemm tali mobbli, rega' mar lura fil-pussess tal-istess socjeta`.

"Illi, inoltre, is-socjeta` konvenuta issa qeghda wkoll tivvanta pretensjoni ta' kreditu dovut lilha mill-esponenti fis-somma ta' Lm26,002.49 (ossia €60,569.42) flimkien mal-imghax legali bir-rata ta' 8% li sat-2 ta' April 2007 kien jammonta ghas-somma ta' Lm1,292.65, (ossia €3,011.06) skont kuntratt ta' assenjazzjoni ta' kreditu mis-socjeta` HSBC Bank (Malta) p.l.c lis-socjeta` attrici tat-2 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina.

"Illi akkont ta' dan il-kreditu, l-esponenti diga hallsu l-ammont ta' Lm6,160.97 (ossia €14,351.18) fit-8 ta' Novembru 2006 meta dan l-ammont gie zbankat bl-awtorita` tal-Qorti fl-atti tas-subbasta fuq premessi biex b'hekk il-bilanc dovut mill-esponenti mill-kreditu fuq imsemmi, illum jammonta ghal Lm21,134.17 (ossia €49,229.37).

"Illi dan l-ahhar kreditu huwa kawtelat b'ipoteka generali fuq il-beni kollha tal-esponenti komprendenti ghalhekk il-fond, Vita, Triq l-Arzell, Marsascala skond kif jirrizulta mill-kuntratt relattiv ta' assenjazzjoni fuq imsemmi tat-2 ta' April 2007, liema fond huwa l-unika proprjeta` tal-esponenti Rita Nicolosi.

"Illi minkejja tali kawtela ta' kreditu l-esponenti qeghda tichad bl-aktar mod assolut illi l-ammont ta' Lm21,134.17 (ossia €49,299.37) ghadu dovut lis-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited u stante l-fatt:

"1. illi hekk kif gia` ssemma', l-esponenti kienet kriet il-fond numru 16 Triq Marina u numru 15, Triq Sant'Anna, Marsascala minghand is-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited bl-iskop li l-fond jinfetah restaurant

wara illi jsiru fih dawk il-ameljoramenti necessarji sabiex il-post ikun attrezzat tassew ghall-ghan ta’ restaurant;

“2. illi dawn l-ameljoramenti kienu estensivi u ta’ valur konsiderevoli konsistenti mhux biss f’ameljoramenti strutturali izda wkoll konsistenti f’mobbli u apparat li bih jigi mghammar restaurant kif suppost;

“3. illi tali ameljoramenti u spejjez f’makkinarju u mobbli ohra jammontaw ghas-somma komplessiva “at cost” ippreparat mill-accountant tas-socjeta` esponenti liema dokument qieghed jigi anness ma’ dan ir-rikors bhala Dok. RN1;

“4. illi tali ameljoramenti u mobbli baqghu fil-pussess tas-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited minkejja illi fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Ottubru 2006 kien gie kjarament provdut illi l-istess socjeta` kellha s-setgha li zzomm il-hwejjeg mobbli li jinsabu fuq il-fond numru 16 Triq Marina u numru 15 Triq Sant’Anna, Marsascala, biss sakemm l-esponenti jkunu hallsu l-arretrati kollha tal-kera b’dan izda illi l-hwejjeg ma jitqisux proprjeta` tas-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited u minkejja illi tali arretrati kienu kollha thallsu permezz tas-subbasta illi kienet saret hekk kif ordnata minn din l-Onorabbli Qorti b’digriet moghti fit-28 ta’ Awwissu 2006 fuq rikors ta’ L.E.P.T Enterprises fejn l-imsemmi fond gie definittivament illiberat wara li l-istess socjeta` offriet is-somma ta’ Lm37,000 (ossia €86,186.69) ‘animo compensandi’;

“5. illi inoltre l-fond in kwistjoni u cioe` l-fond b’zewgt faccati numru 16 Triq Marina u numru 15 Triq Sant’Anna, Marsascala qieghed jigi mikru mis-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited bhala restaurant lil terzi persuni u li ghalhekk l-istess socjeta` qeghda taghmel qliegh permezz tal-ameljoramenti u mobbli mizjuda mill-esponenti u li rrendew il-fond kompletament utilizzabbli bhala restaurant.

“6. Illi ghaldaqstant johrog bic-car illi gialardarba s-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited:

“a. qatt ma kkumpensat lill-esponenti ghall-valur tal-ameljoramenti li saru mill-esponenti fuq il-fond li qieghed fil-pussess tal-istess socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited u li issa qieghed mikri bhala restaurant lil terzi persuni; u

“b. qatt ma tat lura l-mobbli li kienu mixtrija ghall-istess fond mill-esponenti u li kienu baqghu mizmuma fil-pussess tas-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited anki wara li l-arretrati tal-kera dovuti lilhom gew rikavati minnhom bi ksur tal-provvedimenti tal-Qorti moghtija fl-20 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet: L.E.P.T Enterprises Ltd v. Rita Nicolosi u Vita Projects;

“jirrizulta b’mod car illi ladarba tali ameljoramenti u mobbli maghmula u mixtrija mill-esponenti jammontaw ghal Lm38,424.12 (ossia €89,503.99), il-pretensjoni tas-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited ghas-somma ta’ Lm21,134.17 (ossia €49,229.37) hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hemm diga` set-off fattwali bejn dak li hu spettanti lis-socjeta` konvenuta mill-esponenti u dak li hu spettanti lill-esponenti mill-istess socjeta`. Se mai, hija l-esponenti li ghandha d-dritt li tigi moghtija lura d-differenza fi flus wara li gew skontanti z-zewg obbligazzjonijiet kif inghad stante illi s-socjeta` konvenuta ghandha fil-pussess taghha valur akbar minn dak spettanti lilha.

“Ghaldaqstant filwaqt li ssir referenza ghal dak kollu fuq premess, tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara illi s-somma ta’ Lm27,055.60 (ossia €63,022.59) rapprezentanti arretrati ta’ kera dovuti lis-socjeta` konvenuta kif ukoll ammont iehor ta’ Lm2,028.60 (ossia €4,725.36) ukoll rapprezentanti arretrati ta’ kera dovuta lill-istess socjeta` fuq il-fond numru 16 Triq Marina u numru 15, Triq Sant’Anna, Marsascala li l-esponenti giet ordnata taghti lis-socjeta` konvenuta fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet: **L.E.P.T Enterprises**

**Limited (C-2476) vs Rita Nicolosi u Vita Projects (Malta) Limited** gew debitament saldati permezz tal-procedura tas-subbasta hekk kif ordnata minn din l-Onorabbli Qorti b'digriet moghti fit-28 ta' Awwissu 2006 fuq rikors ta' L.E.P.T Enterprises Limited, meta sar il-bejgh bl-irkant tal-fond numru 61, maghruf bl-isem 'Casa David', Triq ic-Cervjola, Marsascala fejn l-imsemmi fond gie definittivament illiberat wara li s-socjeta` L.E.P.T Enterprises Limited offriet is-somma ta' Lm37,000 (ossia €86,186.69) 'animo compensandi'.

"2. Tiddikjara illi bi ksur tas-sentenza hawn fuq imsemmija tal-20 ta' Ottubru 2006, is-socjeta` konvenuta, minkejja li l-ammont dovut lilha fl-istess sentenza kien gie saldat permezz ta' subbasta hekk kif gia` spjegat, zammet ghandha l-mobbli (li jammontaw ghas-somma komplessiva "at cost" ta' Lm38,424.12 (ossia €89,503.99)) li l-esponenti kienet armat bih il-fond mikri minghand is-socjeta` konvenuta.

"3. Tiddikjara illi ladarba s-socjeta` zammet dawn il-mobbli ghandha bi ksur tad-drittijiet tal-esponenti li fil-fatt hija sid tal-istess ogetti u ladarba l-istess socjeta` konvenuta kriet l-istess fond bil-mobbli msemmija, lil terzi, bi qliegh, hija ssaldat l-ammont ta' Lm21,134.17 (ossia €49,229.37) minnha pretiz rigward pretensjoni ta' kreditu dovut lilha mill-esponenti fis-somma ta' Lm26,002.49 (ossia €60,569.42) flimkien ma' l-imghax legali bir-rata ta' 8% li sat-2 ta' April 2007 kien jammonta ghas-somma ta' Lm1,292.65 (ossia €3,011.06) skont kuntratt ta' assenjazzjoni ta' kreditu mis-socjeta` HSBC Bank (Malta) p.l.c lis-socjeta` attrici tat-2 ta' April 2007 fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina u li akkont ta' dan il-kreditu, l-esponenti diga` hallsu l-ammont ta' Lm6,160.97 (ossia €14,351.18) fit-8 ta' Novembru 2006 meta dan l-ammont gie zbankat bl-awtorita` tal-Qorti fl-atti tas-subbasta fuq premessi.

"4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-esponenti d-differenza li hemm bejn il-valur tal-mobbli mizmuma minnha u l-ammont ta' kreditu pretiz minnha, stante li l-valur tal-mobbli jeccedi l-ammont ta' kreditu dovut lilha u cioe` d-differenza bejn l-ammont ta'

Lm38,424.12 (ossia €89,503.99) (valur tal-mobbli tal-esponenti mizmuma mis-socjeta` konvenuta) u l-ammont ta' Lm21,134.17 (ossia €49,229.37) pretiz mis-socjeta` konvenuta rigward pretensjoni ta' kreditu dovut lilha mill-esponenti.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li qed tigi ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

"i. il-premessi stess tar-Rikors guramentat jeskludu dak li gie mitlub fl-istess talbiet; u

"ii. intoltre, ma saru l-ebda talbiet *ad hoc*, li huma essenzjali sabiex isiru t-talbiet li effettivament saru mir-rikorrenti fir-Rikors guramentat *de quo*, sabiex *inter alia* jigi ffissat il-limiti tal-allegat debitu tas-socjeta` eccipjenti lejn r-rikorrenti, u/jew l-ammont u l-estensjoni tal-krediti tas-socjeta` eccipjenti kontra r-rikorrenti; sabiex jigi stabbilit illi s-socjeta` eccipjenti kisret xi ordni kontenuta fis-Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2006 bejn l-istess kontendenti, imsemmija fir-Rikors guramentat; sabiex jigi dikjarat illi l-oggetti li allegatament thallew fil-fond *de quo* u/jew l-ameljoramenti allegatament maghmula mir-rikorrenti fl-istess fond huma dawk li jirrizultaw fil-lista Dok. RN1; u sabiex jigi stabbilit il-prezz tal-imsemmija oggetti u ameljoramenti allegati mir-rikorrenti, fost talbiet ohrajn;

"2. Illi inoltre, minghajr talba *ad hoc* ghal-likwidazzjoni tal-kreditu immaginarju pretiz mir-rikorrenti, sabiex dan jigi dikjarat bhala cert, likwidu u dovut, ma tista' ssir l-ebda tpacija kif pretiz mir-rikorrenti, wisq inqas tpacija mal-krediti likwidi, certi u skaduti tas-socjeta` eccipjenti li, di piu` huma rikonoxxuti mill-istess rikorrenti;

"3. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti, *ictu oculi* ma gewx sorretti mill-bazi essenzjali sabiex setghu jigu proposti, u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax tregi u in kwantu hija improponibbli, ghanda tigi michuda, stante illi din hija intiza biex terga' tqajjem kwistjoni dwar ir-ripartizzjoni tar-rikavat mill-bejgh in subbasta *de quo*, meta din ir-ripartizzjoni saret taht l-awtorita` u bl-approvazzjoni tal-Qorti, ghaliex hekk biss setghet issir. Infatti dina l-Onorabbli Qorti kienet debitamnt approvat ic-cedola ta' kompensazzjoni u kontestwali depozitu bin-Numru 1200/06, u konsegwentement, dik ir-ripartizzjoni u kompensazzjoni, maghmula **bl-adezjoni tal-istess rikorrenti debituri li ma registraw l-ebda opposizzjoni**, hija finali;

"5. Illi wkoll dwar l-ewwel talba u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi fil-konteggi minnhom maghmula, ir-rikorrenti konvenjentement injoraw l-imghaxijiet u spejjez li ghalihom gew ikkundannati bis-Sentenza minnhom stess citata u bis-Sentenza tas-7 ta' Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **L.E.P.T Enterprises Limited v. Rita Nicolosi u Vita Projects (Malta) Limited (C-28535)** [Cit. Nru. 793/04/GC]. Ghalhekk ir-ripartizzjoni jew tpacija li qed tigi pretiza mir-rikorrenti ma tista' qatt tigi approvata ghaliex ma hijiex maghmula sew skont il-Ligi, u konsegwentement, l-ewwel talba ghandha tigi michuda;

"6. Illi wkoll dwar l-ewwel talba u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kreditu tas-socjeta` eccipjenti kanonizzat bis-Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2006, ma setax jigi saldat f'process ta' subasta, mibdi ferm qabel abbazi ta' kreditu iehor, bl-approvazzjoni tal-Qorti ghal kompensazzjoni moghtija diga` fit-18 ta' Mejju 2006 u anke ghal din ir-raguni biss l-ewwel talba ma tistax tregi u ghandha tigi michuda;

"7. Illi r-rikorrenti, ghalkemm debitament notifikati, qatt ma kontestaw bl-ebda mod ebda wiehed mir-rikorsi

intavolati mis-socjeta` eccipjenti fil-process tas-subasta numru 16/05, u ghalhekk kwalunkwe ripartizzjoni u kull effett iehor tal-istess subasta, sar bl-approvazzjoni tar-rikorrenti li konsegwentement ma jistghux illum jikkontestaw l-imsemmi process;

“8. Illi dwar it-tieni talba jigi eccepit illi mhux minnu li s-socjeta` eccipjenti kkommettiet xi ksur tas-Sentenza tal-20 ta’ Ottubru 2006, fl-ismijiet **L.E.P.T Enterprises Limited v. Rita Nicolosi u Vita Projects (Malta) Limited (C-28535)** [Cit. Nru. 163/2005/GCD], kif allegat mir-rikorrenti, u effettivament qatt ma kien hemm xi pronunzjament ta’ xi Qorti li s-socjeta` eccipjenti setghet kkommettiet tali ksur, u lanqas ma qed jintalab tali pronunzjament f’dawn il-proceduri. Konsegwentement, filwaqt li lanqas ma huwa minnu li s-socjeta` eccipjenti qed izzomm abbuzivament xi mobbli tar-rikorrenti, din l-allegazzjoni ma tirrizultax, u ghalhekk it-tieni talba ghandha tigi michuda;

“9. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba wkoll ghandha tigi michuda stante illi fis-Sentenza tal-20 ta’ Ottubru 2006, il-Qorti kienet ipprovdiet billi tat **lis-socjeta` eccipjenti [gia` attrici] s-setgha li zzomm il-hwejjeg mobbli li jinsabu fil-fond sakemm ir-rikorrenti [gia` l-konvenuti] jkunu hallsu l-arretrati kollha tal-kera u l-ispejjez gudizzjarj intaxxati, b’dan izda illi l-hwejjeg ma jitqisux proprjeta` ta’ socjeta` eccipjenti [gia` attrici].** Dawn l-arretrati, inkluzi l-ispejjez gudizzjarji relattivi, ghadhom qatt ma gew imhallsa sal-lum, kif jista’ jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“10. Illi per konsegwenza t-tielet talba, kif ibbazata fuq il-ksur allegat fit-tieni talba, ma tistax tregi u ghandha tigi michuda wkoll;

“11. Illi wkoll dwar it-tielet talba, minghajr pregudizzjonu ghal dak premess, jigi eccepit illi in kwantu b’din talba r-rikorrenti jridu wkoll jaghmlu tpacija tal-kreditu immaginarju taghhom, li qeghdin jivvantaw ghall-ewwel darba fir-Rikors promutur, ma’ kreditu cert, likwidu, skadut u ezigibbli tas-socjeta` eccipjenti, din ma hijiex sostenibbli

stante illi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili, u ghalhekk din it-talba ghandha tigi respinta;

“12. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti nehhew il-bicca l-kbira tal-mobbli u oggetti ohra li kienu jinsabu fil-fond *de quo* u dan ukoll b’mod abbuziv u bil-mohbi tas-socjeta` eccipjenti kif ukoll b l ksur tal-Mandat ta’ Qbid mahrug appuntu fuq l-istess mobbli mill-istess socjeta` eccipjenti, kif jista’ jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

“13. Illi dwar ir-raba’ talba jigi eccepit illi s-socjeta` eccipjenti la qatt ma kellha taghti u lanqas ma llum ghandha taghti xi flus lir-rikorrenti u ghalhekk, din it-talba ghandha wkoll tigi respinta;

“14. Illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

“15. Illi fl-ahhar lok, u minghajr ebda pregudizzju, jigi eccepit illi r-rikorrenti qatt ma interpellaw u lanqas qatt ikkomunikaw mas-socjeta` eccipjenti, lanqas bil-fomm, dwar il-pretensjonijiet odjerni taghhom, sa minn qabel ma rrilaxxjat il-hanut u lanqas qabel ma pprezentat dawn il-proceduri, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz, is-socjeta` eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri li, del resto, ma humiex hlief tentattiv iehor tar-rikorrenti biex jevadu l-hlas tad-debiti taghhom u jfixklu lis-socjeta` eccipjenti mill-gbir tal-ammonti li ghandha tiehu minghandhom, liema ammont, f’kaz ta’ ezitu negattiv ghar-rikorrenti, ser ikompli jizdied minghajr ebda garanzija li s-socjeta` eccipjenti ser ikollha minn fejn tithallas.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari dwar in-nullita` tar-rikors guramentat tal-atturi;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

**"Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka, **bl-ispejjeż kontra l-atturi**, u dan billi ssib li l-azzjoni attriċi kif imressqa ma tiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex milquta minn kontradittorjeta' li ma tistax tissewwa lanqas bil-mezzi maħsuba mil-liġi tal-proċedura."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni dwar tħassir ta' kreditu kanoniżżat. L-atturi jgħidu li, minkejja li l-kumpannija mħarrka tħallset il-kreditu li hija kellha kontra tagħhom, żammet għandha l-ħwejjeġ mobbli tagħhom li kienu fil-post li huma kienu jikru mingħandha u li hija kellha troddhomlhom lura hekk kif jinqata' l-kreditu kanoniżżat. Billi l-kumpannija mħarrka mhux talli ma radditilhomx lura ħwejjiġhom, iżda talli kriet il-post lil terzi li qegħdin jinqdew b'dawk l-istess oġġetti, fetħu din il-kawża biex iġibu dikjarazzjoni li d-dejn tagħhom mal-kumpannija mħarrka nqata' għal kollox u biex il-kumpannija mħarrka tħallashom il-bilanċ l jifdal bejn il-kreditu li kellha u l-valur tal-istess ħwejjeġ li żammet għandha;

"Illi l-kumpannija mħarrka laqgħet b'eċċezzjoni preliminari u wkoll b'oħrajn fil-mertu. L-ewwel eċċezzjoni preliminari hija dik tan-nullita' tal-att ġudizzjarju. Il-kumpannija mħarrka tibni din l-eċċezzjoni fuq żewġ fergħat: li l-premessi jeskludu t-talbiet u li hemm nuqqas ta' talbiet essenzjali. Fi kliem ieħor, issejjes dik l-eċċezzjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

"Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li tibda l-<u>konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-elementi legali tal-</u>

eċċezzjoni taħt eżami billi ttenni li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[1], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[2];

"Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[3]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[4];

"Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[5];

"Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni

---

[1] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[2] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[3] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju
[4] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ et*** (mhix pubblikata)
[5] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[6] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[7];

"Illi fil-każ preżenti, l-kumpannija mħarrka ssemmi n-nullita' tar-Rikors Maħluf tal-atturi fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn talba u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Rikors Maħluf minħabba n-**nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa**. Skond l-argument tal-imħarrka, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjeta' minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

"Illi ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullita' tal-att promotur ta' kawża fuq **il-bażi tal-kontradittorjeta' tal-kawżali u t-talbiet infushom**, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[8]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis Rikors Maħluf bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[9]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors Maħluf ikun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

"Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi,

---

[6] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[7] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[8] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**)
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

u mhux “sempliċi” ksur tal-forma preskritta[10]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar “partikolarita’ essenzjali” u mhux partikolarita’ kwalsijasi. Biex partikolarita’ f’att ġudizzjarju titqies bħala “essenzjali” jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f’dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b’ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[11];

“Illi, f’waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: “*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta’ l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa ’l quddiem f’ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista’ jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta’ l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta’ l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta’ liema drittijiet (“jus petendi”) l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista’ jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .* ”[12];

“Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b’regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, huwa stabilit li azzjoni pussessorja ma jmisshiex titressaq flimkien ma’ waħda petitorja[13], jew li l-azzjoni ta’ reintegrazzjoni tal-pussess (l-“*actio spolii*”) ma titressaqx flimkien mal-azzjoni taż-

---

[10] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[11] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***
[12] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)
[13] App. Ċiv. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.778**)

żamma fil-pussess (l-"*actio manutentionis*") u dan minkejja li t-tnejn huma azzjonijiet pussessorji[14];

"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li att ġudizzjarju m'għandux jitħassar kif ġieb u laħaq u, safejn jista' jkun, ma tħassrux. Din il-Qorti kellha kemm-il okkażjoni fejn stħarrġet il-kwestjoni tas-siwi ta' atti mressqa quddiemha u segwiet linja li ma tħallix il-kwestjoni sostantiva tinġieb fix-xejn fuq il-konsiderazzjoni tal-formalita', u din tibqa' l-fehma tagħha llum ukoll;

"Illi din il-fehma tagħha hija msaħħa wkoll bi kliem il-liġi nnifishom meta, b'riferenza għas-sub-inċiż (ċ) tal-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju ma tistax tingħata jekk kemm-il darba n-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward, jiġi f'moħħna l-artikolu 175 tal-istess Kodiċi li jħalli li jsiru bidliet tassew radikali f'att ġudizzjarju b'mod li ma jħalluhx jitħassar[15];

"Illi f'din il-kawża l-Qorti ssib li l-mod kif inhuma mfasslin it-talbiet attriċi jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-azzjoni attriċi hija maħsuba li tilħaq bosta għanijiet imbasta żżomm lill-kumpannija mħarrka milli tibqa' tippretendi li għadha kreditriċi tal-atturi. Meta wieħed iħares lejn il-premessi, jibda jsib elementi ta' pretensjonijiet li jixhdu iżjed minn għamla waħda ta' kawża. Dawk il-pretensjonijiet, jekk meħudin sal-konklużjoni loġika tagħhom, jitolbu li jsiru talbiet speċifiċi li l-Qorti ma tistax tipprovdi dwarhom bħala "premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni" li wieħed qabel kien isib imniżżla fil-formola tal-Att taċ-Ċitazzjoni, meta dak l-att kien għadu l-forma preskritta ta' kawża quddiem din il-Qorti;

"Illi waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-għaref difensur tal-atturi seħaq li huwa minnu li t-talbiet attriċi huma alternativi għal xulxin, imma mhux f'konflitt insanabbli ma' xulxin, u li t-talbiet kollha jinbnew ma' xulxin u ma jeskludux il-waħda lill-oħrajn. Ikompli jgħid li, filwaqt li

---

[14] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[15] App. Inf. **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Keyland Co Ltd et vs Josephine Xuereb***

jista' jkun li huwa minnu li setgħu saru xi talbiet oħrajn, dawk li saru jimplikaw fihom dawk ukoll li messhom saru;

"Illi, kif sewwa issottomettiet l-għaref difensur tal-kumpannija mħarrka, huma għal kollox nieqsa wħud mit-talbiet essenzjali li kienu meħtieġa biex il-Qorti tqis it-talbiet li saru. Dawk it-talbiet nieqsa ma tistax tissupplementa għalihom din il-Qorti bla ma tispiċċa tiddeċiedi *extra petita*. Fuq kollox, fil-fehma tal-Qorti, huma talbiet li d-deċiżjoni dwarhom hija waħda determinanti għall-għanijiet infushom li l-atturi jridu jilħqu biex iwasslu sal-port il-kawża tagħhom;

"Illi, minbarra dan imbagħad, jidher li bejn il-premessi u t-talbiet ukoll joħroġ aspett ta' kontradizzjoni. Dan jingħad għaliex, filwaqt li fil-premessi l-atturi jilmintaw mill-fatt li l-kumpannija mħarrka żammet għandha ħwejjiġhom minkejja li, skond il-fehma tagħhom, il-kreditu tagħha kontrihom kien saldat, fit-tielet u fir-raba' talbiet, jidher ċar li huma jaċċettaw dak l-istat ta' fatt u, minflok li jibqgħu jisħqu għar-radd lura ta' ħwejjiġhom, jitolbu li tikkumpensahom tiegħu billi ssir tpaċija mal-kreditu li jista' jkun għad għandha kontra tagħhom;

"Illi b'żieda ma' dan u dejjem fir-rigward tal-kontradittorjeta' tal-premessi u t-talbiet, hemm żewġ ċirkostanzi li joħorġu ċari u mad-daqqa t'għajn mill-atti tal-kawża. L-ewwel waħda hija li mill-ftit dokumenti mressqin mill-atturi, jidher sewwa li dawk li qiegħda ssejħilhom bħala ħwejjeġ "mobbli" m'humiex għajr benefikati li saru jagħmlu mill-bini nnifsu, u li, bil-liġi, jitqiesu li saru biċċa minnu[16]. Għalhekk, dawn ma setgħu qatt kienu fil-ħsieb tal-parti dispożittiva tas-sentenza mogħtija kontra l-attur fl-20 ta' Ottubru, 2006, li ssejjes wieħed mit-titoli eżekuttivi li l-kumpannija mħarrka kellha kontra l-atturi. It-tieni waħda hi li r-Rikors Maħluf irid li l-Qorti sib li l-atti tas-subbasta (fihom infushom proċedura ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv u li, allura, tabilfors kien jeżisti qabel inbeda dak il-proċess) qatgħu kreditu kanoniżżat b'sentenza li ngħatat wara li nbeda dak l-istess proċess eżekuttiv;

[16] Art. 308(f) tal-Kap 16

"Illi, fil-fehma tal-Qorti, din il-kontradittorjeta' hija waħda radikali, u lanqas jidher li tista' tkun salvata bl-ebda "kirurġija radikali" li tista' b'xi mod tintalab taħt l-artikolu 175 tal-Kap 12, bla ma tkun tfisser bidla daqstant radikali tat-talbiet fil-mertu. Dan apparti l-fatt li, sa dan il-waqt li qiegħda tingħata s-sentenza, l-atturi ma ressqu l-ebda talba lill-Qorti taħt l-imsemmija dispożizzjoni, imma, għall-kuntrarju, qegħdin jiġġustifikaw l-att ġudizzjarju kif inhu;

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari dwar is-siwi tal-att ġudizzjarju promotur hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

"… … thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellata, din l-Onor. Qorti tilqa' dan l-appell taghhom u tordna l-prosegwiment tal-kawza biex tigi deciza fuq il-mertu."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi:

"… … l-Appell tar-rikorrenti appellanti ghandu jigi michud u s-Sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet fuq premessi ghandha tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors promotur li ta bidu ghal din il-kawza gie dikjarat null mill-ewwel Qorti peress illi qieset li l-azzjoni attrici fiha disposizzjonijiet kontradittorji li ma jistghux jissewwew.

L-atturi appellaw mis-sentenza, u filwaqt li jammettu li t-talbiet attrici huma alternattivi ghal xulxin, jissottometti li ma humiex f'konflitt insanabbli ma' xulxin.
Fuq din il-materja ta' kawzali alternattivi, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **HSBC Bank Malta p.l.c v. Caligari et**, deciza fit-13 ta' Frar 2012, kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-24 t'April, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Av. Dr. Frendo Randon vs Salomone** fejn inghad:

""meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista' jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi *ab initio* la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa. … it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' ohra, bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti 'l wahda mill-ohra… isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma' ohra … Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta' l-attur kienet wahda, irrita u nulla."

"Ukoll fis-sentenza deciza fl-24 ta' Settembru, 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Angelo Fenech *et* vs Pawlu Grech *et*** [Citazzjoni numru 2627/2000 JRM] inghad li kif ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, talbiet alternattivi m'humiex ammissibli u jirrendu c-citazzjoni nulla."

F'dan il-kaz, hemm diversi aspetti tal-kaz li ma jaghtux stampa cara ta' x'qieghed jintalab. Fit-talbiet per ezempju, jinghad fl-ewwel lok li l-kreditu tal-kumpanija konvenuta "thallas ghall-kollox", izda f'talba sussegwenti jinghad li, b'agir tas-socjeta`, gie li "nqata' kull bilanc!" Jidher li l-atturi qed jirreferu ghal zewg krediti differenti, pero` dan

ma hu xejn spjegat sew fit-talbiet. Wiehed jifhem ukoll illi skont is-sentenza li ghaliha hemm referenza fir-rikors, is-socjeta` konvenuta hija marbuta li tirritorna l-mobbli li kien hemm fil-fond mixtri mill-istess socjeta` wara procedura b’subbasta mizmuma taht l-awtorita` tal-Qorti; l-atturi qed jallegaw li l-kumpanija konvenuta “zammet ghandha” dawn il-mobbli, pero`, mhux qed jitolbu li jinghataw lura dawn l-istess mobbli. Min-naha wahda qed jitolbu dikjarazzjoni ta’ agir illegali da parti tas-socjeta` konvenuta, izda fl-istess talbiet qed jghidu li kollox sanat bl-uzu tal-mobbli ghall-iskopijiet ta’ tpacija. Dawn it-talbiet li jxejnu lil xulxin, ma jirrizultax lanqas li huma alternattivi, izda li saru b’mod kumulattiv, bir-rizultat li ma humiex sostenibbli.

Huma jridu li s-socjeta` konvenuta tibqa zzomm dawn il-mobbli (trid jew ma tridx) u tpaci l-valur taghhom mal-flus li l-atturi ghandhom jaghtu lis-socjeta` konvenuta. Dan imur kontra d-dettami tas-sentenza precedenti u l-atturi qishom iridu jimponu fuq is-socjeta` konvenuta arrangament li joghgob lilhom. Jekk qed jigi allegat mill-atturi li tezisti sentenza favur taghhom jridu jitolbu l-esekuzzjoni tal-istess, u mhux bil-kuntrarju, jitolbu t-twettieq ta’ arrangament li ma jirrizultax mill-istess sentenza.

L-ewwel Qorti ghamlet riassunt tajjeb tal-principji ta’ dritt applikabbli u anke ghamlet analizi korrett tar-rikors promotur; jidher li ma kienx facli ghaliha li tasal ghall-konkluzjoni li waslet, konxja mill-fatt li l-atti, kemm jista’ jkun, ghandhom jigu salvati. Gara’ pero`, li r-rikors hu nieqes minn dawk it-talbiet essenzjali ghad-determinazzjoni tal-kawzi, talbiet li ma jistghux jigu mdahhla mill-Qorti per impliciter ghax kif qalet l-ewwel Qorti, tkun qed tiddeciedi extra petita. Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti qabilha, tara li mill-att promotur difficli li wiehed jifhem x’inhi l-intenzjoni tal-atturi. L-atturi donnhom ma jridux jimxu mas-sentenza precedenti u jridu jdawru l-effetti taghha kif joghgob lilhom; fl-istess hin jippretendu li s-sentenza precedenti taghtihom xi vantaggi partikolari, li pero` ma jirrizultawx.

Anke l-fatt li, skont l-atturi, sehhet tpacija hija bazata fuq premessa monka. It-tpacija, biex topera *ipso iure*, trid l-ezistenza ta' zewg ammonti likwidi, pero`, f'dan il-kaz l-atturi naqsu milli jindikaw il-valur tal-mobbli, u lanqas ma talbu li ssir fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Il-valur tal-oggetti mobbli pretiz mill-atturi ma huwa likwidu xejn, u f'kaz li riedu determinazzjoni tal-kreditu taghhom (il-valur tal-mobbli) kellha issir talba ghal dak l-iskop u tintalab permezz ta' dikjarazzjoni gudizzjarja *ad hoc*, u mhux tithalla misteru (ara bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza **De Haan noe v. Farrugia noe**, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' April 2001). Hu car, fil-fehma tal-Qorti, illi sabiex il-Qorti tista' tasal ghal decizjoni dwar it-talbiet maghmula mill-atturi ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li tikkunsidra u kwindi tiddeciedi talbiet ohra essenzjali li f'dan il-kaz ma sarux u, kwindi, l-ebda decizjoni dwarhom ma hija legalment possibli. Hawn mhux kaz ta' domandi incidentali ghal dawk li saru, izda ghad-determinazzjoni ta' kwistjonijiet vitali ghad-decizjoni finali tal-kwistjoni, bid-domandi relattivi baqghu ma sarux.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti tara' li l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju akkurat u sewwa tas-sitwazzjoni mahluqa mill-istess atturi, u ma tarax li ghandha tiddisturba s-sentenza moghtija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi Rita Nicolosi personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Vita Projects (Malta) Ltd, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-atturi appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------